MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' April, 2012

Numru. 160/2010

**Il-Pulizija**
(Spettur Frank Anthony Tabone)

**vs.**

**Paschalino Cefai**

**Illum 25 ta' April 2012**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Paschalino Cefai, ta' tletin (30) sena, iben Joseph u Theresa nee' Saliba, imwieled Attard, nhar it-13 ta' Dicembru 1979, residenti fil-fond Nru. 24, Triq il-Madonna Tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 52480(M), akkuzat talli nhar il-21 ta'Frar 2010, f'xi hin wara nofsinhar gewwa l-Korsa taz-Zwiemel, limiti tax-

Xhajma gewwa x-Xewkija Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa Ghawdex;

1. Kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jzomm arma fil-kustodja tieghu b'tali mod li setghet tigi f'idejn haddiehor;

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom u dan ghad-detriment ta' John Vella, Francesco Vella, Luke Vella, Mario Borg, il-minuri John Vella u l-minuri Joel Borg;

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi filwaqt li kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew limitazzjoni ta' arma regolari;

5. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni;

6. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi verbalment hedded lil John Vella, Francesco Vella, Luke Vella, Mario Borg, il-minuri John Vella u l-minuri Joel Borg;

7. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qabad armi kontra n-nies;

8. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal kliem oxxen u indecenti li jikkonsisti f'dagha;

9. Sar recediv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta u Ghawdex liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni, liema xhieda kienu jammontaw ghal numru sostanzjali ta' nies.

Semghet, fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2012, lill-imputat jammetti l-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet imsemmija anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tat-tielet (3) u tad-disa' (9) imputazzjonijiet, il-Qorti ghandha s-segwenti xi tghid:

*It-tielet imputazzjoni*

Illi riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-21 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna** fejn il-Qorti qalet hekk:

“Dwar it-tieni imputrazzjoni, li tirreferi għall-artikolu 251B tal-Kap. 9, l-imputazzjoni hija miktuba b'mod li tirreferi għal dak li ġara f'jum partikolari biss – il-25 t'Awwissu 2010. Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem:

‘lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba **minn dawk l-okkażjonijiet'**.

Jista' jkun hemm **aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum** u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din a course of conduct fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra

dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".

Illi dak li nghad hawn fuq jista' jigi applikat ghal kaz odjern u minkejja li l-agir tal-imputat dakinhar tal-21 ta' Frar 2010 kien wiehed ta' min jistmerru u ta' min jikkundannah, xorta wahda ma jikklassifikax bhala wiehed li jaqa' fil-parametri ta' Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana b'mod specjali ghar-raguni li ma giex pruvat il-*course of conduct* rikjest. Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jigi liberat mit-tielet (3) imputazzjoni.

*<u>Id-disa' imputazzjoni</u>*
Illi mill-provi mismugha u mid-dokumenti esebiti jirrizulta li din giet pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni, fuq naha wahda, in- natura tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat u li gew pruvati u kif ukoll il-fedina penali tieghu, u fuq in-naha l-ohra, l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward ta' numru ta' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-ammissjoni tal-imputat ghal numru ta' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu giet registrata **BISS** wara li l-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda u ghalqet il-provi taghha u kien biss fl-ewwel seduta ffissata sabiex id-difiza tibda tressaq il-provi taghha li l-imsemmija ammissjoni giet registrata. Ghalhekk, zgur, u mhux forsi, li l-imputat mhux ser jibbenefika mill-minimu stabbilit mil-ligi ghall-imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Artikoli 5(1), 47(1) u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll Artikoli 49, 338(bb), 338(dd), 339(1)(b), 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7), tat-tmien (8) u tad-disa' (9) imputazzjonijiet migjuba kontra

tieghu u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ mitejn u hamsin Euro (€ 250) u kif ukoll ghall-perijodu ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija li, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed jigu sospizi ghal tliet snin.

A tenur ta’ l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car irresponsabilita’ tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk huwa jikkometti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Inoltre, il-Qorti b’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta, torbot lill-hati b’garanzija personali ta’ hames mitt ewro (€ 500.00) ghal zmien sena mil-lum sabiex bl-ebda mod ma jkellem jew jimmolesta lil John Vella, Francesco Vella, Luke Vella, Mario Borg, il-minuri John Vella u l-minuri Joel Borg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------